**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 12 ta' Jannar 2021**

**Talba numru 244/2020SFJ**

***Vincent Cachia (203578M) f'ismu proprju u bħala ġestitur tad-ditta Uniprint Advertising***

***vs.***

***Buy Sell Rent Co. Limited (C82396)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu l-attur *proprio et nomine* talab li l s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallas l-ammont ta' **erbat elef u erba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,428.54)**, liema ammont jirriżulta minn tlett fatturi annessi mal-Avviż tat-Talba.

Ra r-riferta li tindika li s-soċjetà konvenuta ġiet validament innotifikata bl-Avviż tat-Talba, u dan kif jidher mir-riferta a fol. 11 tal-proċess.

Ra li fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2020, is-soċjetà konvenuta ppreżentat nota li permezz tagħha ammettiet it-talba attriċi.

Ra għalhekk li s-soċjetà konvenuta għandha tkun ikkundannata tħallas dak kollu mitlub fl-Avviż tat-Talba stante l-ammissjoni tagħha stess.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-attur *proprio et nomine* u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur *proprio et nomine* l-ammont ta' **erbat elef u erba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,428.54)** bl-ispejjeż tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Novembru 2019 kif ukoll tal-ittra uffiċjali mibgħuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax legali li għandu jiddekorri mit-30 ta' Novembru 2019 b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**